Laqgħa Nru. R4/10

**Minuti tar-Raba' laqgħa li saret il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2010.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-3.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Paul Buttiġieġ (Viċi-President), il-membri David Apap, Joe Grima, Noel Formosa, Andrew Vella, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Miriam Portelli, Carmelo Saliba u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalgħet it-talba. Peress li l-minuti ntbagħtu mal-aġenda, il-Minuti tal-laqgħa tal-21 ta' Ottubru ttieħdu bħala moqrija bi qbil unanimu minn dawk preżenti wara illi saret notifika mis-Sur Joe Grima (Membru) li qiegħda tiġi mniżżla bħala punt mill-minuti.

Tqajjmu diversi punti mill-minuti li jinkludu dawn sussegwenti. Dwar il-Minuta:-

- 1.3 - li tirrigwarda l-inizjattiva tal-Gillette, il-Kumitat qal lis-Segretarju sabiex jikteb lil dawk il-Kunsilli li għadhom ma bagħtux in-numru ta' persuni eleġibbli għal din l-inizjattiva;
- 3.1 - rigward installazzjoni tal-*windfarms u solar energy panels*, il-Kumitat qal lis-Segretarju biex jiffissa laqgħa mas-Sur Aldo Formosa tal-MEUSAC sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li r-Reġjun ikun jista' japplika għal dawn il-fondi.
- 5.1 - Il-President tar-Reġjun ta rapport dwar il-Forum li attenda għalih ġewwa Taormina nhar it-3 ta' Novembru 2010 organizzat fuq l-inizjattiva tal-proġett *Archimed.* Huwa qara wkoll il-*letter of intent* li r-Reġjun Għawdex bagħat sabiex juri l-intenzjoni biex jissieħeb fil-proġett. Il-President stqarr li l-Forum kien wieħed pożittiv u tkellem dwar possibilta ta' stedina lir-Reġjun Għawdex għal viżta uffiċjali ġewwa Agrigento.
- 5.5 - Rigward informazzjoni dwar l-*Assembly of European Regions.* Is-Segretarju nforma lill-Kumitat illi bagħat rikjesta għall-informazzjoni imma s'issa għad ma kellux risposta. L-informazzjoni kellha tintbgħat mis-Segretarjat tal-Assemblea fil-jiem li ġejjin.

  Is-Sur Joe Grima (Membru) stqarr illi fl-aħħar laqgħa tkellem dwar il-problema illi l-Kunsilli lokali qed jiffaċjaw kull meta l-Water Services Corporation tqatta' t-trinek għas-servizzi tal-ilma u li mhux qed ikun hemm manutenzjoni adegwata tat-triq wara li jsir dan ix-xogħol. Il-membri rreferew għal ftehim li sar bejn il-Water Services Corporation u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni ġie deċiż illi din il-problema għandha titqajjem mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 1. <u>Korrispondenza</u>

1.1 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat għal stima tal-ispejjeż sal-aħħar tas-sena 2010 li r-Reġjun Għawdex jirrikjedi sabiex jkun jista' jiffunzjona. Is-segretarju nforma lill-Kumitat illi hu talab għall-allokazzjoni ta € 10,518.50.

1.2 Memo 138/2010 li tirrigwarda struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ħruġ ta' offerta dwar kuntratt ġdid dwar il-Provvista tas-Servizzi tal-Gwardjani Lokali.

1.3 Ittra mill-Ministru għall-Għawdex rigward laqgħa mar-Reġjun. Id-data għandha tiġi konfermata mill-Ministeru għall-Għawdex.

1.4 Il-Fondazzjoni Arka għamlet talba lir-Reġjun Għawdex sabiex il-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivita sportiva fl-okażżjoni ta' għeluq l-ewwel għaxar snin mit-twaqqif tal-Fondazzjoni Arka.

1.5 Memo 142/2010 Mistoqsija Parlamentari - rigward jekk kienx hemm kunsill lokali u reġjonali li żammew konferenza stampa tul dawn l-aħħar xhur. Il-Kumitat Reġjonali wieġeb illi ma saret l-ebda konferenza stampa.

1.6 Stedina għall-Forum Nazzjonali tal-Wirt Kulturali organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura.

1.7 Stedina għal *Round Table Event – The 2010 European Year for Combatting Poverty and Social Exclusion* organizzat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja.

1.8 Ittra ta ringrazzjament mis-Sur Cleavon Vella, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 2. Proposta mill-Arka Foundation għall-2011

2.1 Il-proposta mressqa mill-Arka Foundation fejn qed titlob il-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivita sportiva fl-okażżjoni ta' għeluq l-ewwel għaxar snin mit-twaqqif tal-Fondazzjoni Arka. Id-dħul minn dawn l-attivitajiet imur għall-Arka Foundation. Ġie deċiż illi s-Segretarju għandu jikteb lill-Kunsilli Lokali sabiex dawn jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom u jagħżlu attività fl-2011. Dan sabiex l-attivitajiet jkunu koordinati b'mod aħjar.

## 3. Għoti ta' Tenders

3.1 Il-membru Carmelo Saliba ddikjara illi hu għandu konflitt ta' interess fid-deċiżjoni tal-għoti tal-offerta għall-kiri tal-uffiċju Amministrattiv u peress illi kienet ser tittieħed deċiżjoni, ħareġ mill-kamra.

3.2 Il-President tar-Reġjun qara r-Rapport Tekniku tal-Perit Edward Scerri dwar l-offerti li ntefgħu għall-kiri tal-Uffiċju Amministrattiv għar-Reġjun Għawdex. Il-Kumitat Reġjonali iddeċieda illi l-offerta tas-Sur Jesmond Vella tiġi skwalifikata peress illi ma ġewx preżentati d-dokumenti meħtieġa mal-offerta. Fil-każ tal-offerta tas-Sur Joe Attard (li kienet tinkludi (*option a* u *option b*), il-Kumitat iddeċieda illi l-ammont mitlub huwa għola mill-ispiża allokata għal dan il-għan. B'hekk il-Kumitat iddeċieda illi m'għandha tingħata l-ebda offerta.

## 4. Ħruġ ta' Tenders

4.1 B'referenza għal-Memo 138/2010 s-Segretarju nforma lill-Kumitat illi fuq stuzzjonijiet tad-Dipartiment għal-Gvern Lokali, fit-30 ta' Novembru 2010 kienet ser toħroġ is-sejħa għall-offerti għal Provvediment ta' servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun Għawdex. Hu qal illi attenda għal żewġ laqgħat koordinati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie analizzat id-dokument kif preżentat mid-Dipartiment u fejn saru proposti għall-emendi ta' dan id-dokument.

## 5. Approvazzjoni ta' Pagamenti

Month: October/November 2010

| Schedule of Payments (Payment Vouchers) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **No** | **Details** | **Amounts (€)** | **A/C No** | **Chq No** | **Remarks** |
| 7 | SMS Ltd | 186.00 | | 7 | Airline Ticket - Archimed 2-3 Nov 2010 |
| 8 | Salary | 1593.39 | | 8 | Executive Secretary Salary Sep/Oct 2010 |
| 9 | CIR | 24.00 | | 9 | FS5 - July Salary |
| 10 | CIR | 116.00 | | 10 | FS5 - August Salary |
| 11 | CIR | 127.00 | | 11 | FS5 - September Salary |
| 12 | Right Click | 1035.82 | | 12 | PC, Printer, Windows7 downlaod to XP, Office 2010 |
| 13 | Right Click | 81.42 | | 13 | UPS |
| 14 | CIR | 782.10 | | 14 | FS5 - October |
| 15 | Honorary | 424.33 | | 15 | Region President – Oct 2010 |
| 16 | DOI | 9.32 | | 16 | Advert - Tender LES |

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

## 6. Materji Oħra

6.1 Il-President informa lill-kumitat dwar Technical Meeting tal-European Regions for Youth Network ġewwa Bologna bejn 23-28 ta' Novembru. Huwa qal illi r-Reġjun kien ser ikopri biss l-ispejjeż tal-ajru peress illi r-Reġjun li ser jospita din il-laqgħa (Emilia Romagna) ikopri l-ispejjeż l-oħra. Il-President issuġerixxa illi s-Segretarju għandu jakkumpanjah f'din il-laqgħa sabiex ikun jaf aktar x'tinvolvi l-ħidma ta' din in-Network. Il-Kumitat qabel. F'din l-okażżjoni s-Sur Noel Formosa (Membru) issuġerixxa illi fil-budget tar-Reġjun għandu jkun hemm sezzjoni għall-*International Desk* peress illi Għawdex huwa Reġjun li għandu jistabilixxi ruħu fil-qasam Ewropew u Internazzjonali.

6.2 Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-5.30 pm

Samuel Azzopardi
President
Reġjun Għawdex

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv